MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 250/2014

**Jan Pantzar (SWE 81481120) u Valerie Pantzar (EH864940)**

**vs**

**Biard International u Marsh SAS**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Lulju 2014 fejn l-atturi talbu lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuti ihallsu s-somma ta' hdax-il

elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro (€11,646) rapprezentanti danni sofferti fuq il-propjeta ta' l-atturi, liema propjeta ingarret mis-socjeta konvenuta Biard International minn Franza ghal Malta u kienet assikurata mas-socjeta Marsh SAS.

Bl-ispejjez inkluz dik ta' l-ittra ufficjali interpellatorja datata 22 ta' Jannar 2014 u bl-imghaxjiet mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta intimata Biard International fis-27 ta' Awissu 2014 u lis-socjeta Marsh SAS fl-1 ta' Settembru 2014.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 ir-rikorrenti ippresentaw kapitolu fil-konfront ta' l-intimati.

Rat illi fis-seduta ta' llum is-socjeta konvenuti Biard International u Marsh SAS kif ukoll rappresentanti taghha gew imsejjha izda ma deherux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tar-rikorrenti jghid li l-import mitlub ghadu dovut issib li t-talba tal-istess rikorrenti kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuti Biard International Agency de Paris u Marsh SAS in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro (€11,646)**

**rapprezentanti danni sofferti fuq il-propjeta ta’ l-atturi, liema propjeta ingarret mis-socjeta konvenuta Biard International minn Franza ghal Malta u kienet assikurata mas-socjeta Marsh SAS.**

**Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tal-presentata ta’ dana l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv ikun a karigu tas-socjeta konvenuti Biard International Agency de Paris u Marsh SAS in solidum bejniethom.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------